# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**RIKORS NUMBRU : 855/2021ISB**

**Illum 14 ta' Ottubru 2021**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nr 31/2021 fl-ismijiet:**

**Av. Francesca Galea Cavalazzi (ID No. 218486M) bhala Mandatarja ta' GET Global Environmental Technologies GmbH, kumpannija registrata fl-Awstrija (numru ta' registrazzjoni FN 502965) bl-indirizz Wichtelgasse 25-27/9, 1160, Vienna, Awstrija**

**VS**

**IPS Integrated Packaging Systems Malta Limited (C43579); Patrick Schaerrer (passport numru F0090475); u IPS Ingredis International AG (CH-023.3.005.481-1)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Patrick Schaerrer tas-27 ta' Awissu 2021;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2021;

Rat d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2021 u rat illi din il-procedura thalliet ghal digriet *in camera*;

Ikkunsidrat:

Illi ghar-ragunijiet premessi fir-rikors tieghu, ir-rikorrent ghamel tlett talbiet, ossia talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tirrevoka, limitatament fir-rigward tar-rikorrenti Patrick Schaerrer, il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 31/2021 fl-ismijiet tieghu premessi, u dan ai termini tal-artiklu 836(1)(d) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta,*

2. *Tikkundanna lis-sekwestranta GET Global Environmental Technologies GmbH sabiex thallas penali lir-rikorrent ai termini tal-artiklu 836(8) tal-Kap 12;*

3. *Sussidjarjament, f'kaz illi tigi michuda l-ewwel talba, tordna lis-sekwestranta GET Global Environmental Technologies GmbH sabiex taghti, fi zmien stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u tad-danni u mghax sofferti mir-rikorrent personalment u tordna fin-nuqqas, illi jithassar il-Mandat 31/2021.*

Illi l-intimata sekwestranta ma ressqitx risposta ghar-ragunijiet indikati fil-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2021 izda d-difensur taghha ttrattat ir-rikors waqt l-istess udjenza.

Illi mill-verbal msemmi jirrizulta:

a) Illi l-Mandat ta' Sekwestru 31/2021 tnehha b'kontro-mandat numru 1479/2021 (DOK MA 1) pprezentat u akkordat lejliet is-seduta, ossia, fil-5 ta' Ottubru 2021, talba ghall-hrug ta' liema saret mill-istess sekwestranta.
b) Illi in vista ta' dan, ir-rikorrent irtira l-ewwel talba u t-tielet talba minnhu maghmula, izda zamm ferm it-tieni talba, dik ghall-penali ai termini tal-artiklu 836(8) tal-Kap 12.
c) Illi wara illi d-difensuri tal-partijiet pprezentaw dokumenti, DOK IVG 1, DOK GET ! u DOK MA 1, huma ddikjaraw illi ma kellhom aktar provi xi jressqu, u wara li ttrattaw ir-rikors, din il-Qorti halliet l-istess rikors ghad-digriet in camera.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-irtirar tal-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti, il-Qorti allura sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, u jifdal biss illi l-Qorti tiddeciedi dwar jekk ghandiex, bl-applikabilita' tal-artikolu **836(8) tal-KAP 12**, timponi penali fuq is-sekwestranta kif mitlub.

Illi l-**Artiklu 836(8)** tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament hekk:

*Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*

*(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilxil-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*
*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*(c) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) <u>jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja</u>.*

Illi mir-rikors ma jirrizultax ghall-liema mill-erba' ragunijiet msemmija mill-ligi qed jirreferi ir-rikorrent u ai termini tal-liema mis-sub-incizi qed jaghmel referenza fit-talba tieghu, izda mit-trattazzjoni tal-abbli difensur jirrizulta illi r-rikorrenti qed jistrieh fuq is-sub-inciz (d).

Il-Qorti ser tibda biex tittratta s-sottomissjoni mressqa mil-abbli difensur tas-sekwestranta, ossia, illi gja la darba sar il-kontro-mandat ghall-mandat kawtelatorju li ta lok ghal dawn il-proceduri, allura ma jistghu jissussitu ebda wahda mit-talbiet maghmula.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament u ssib konfort tghid dan fil-ligi stess. Mkien ma jinghad dan fil-ligi u dak li ma tghidx il-ligi, mhux ser tghidu l-Qorti. Kieku l-legislatur ried illi jintilfu l-effetti ta' kwalsiasi talbiet u/jew jitqiesu superfluwi kwalsiasi talbiet li jistghu jsiru ai termini tal-Artiklu 836 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta jsir kontro-mandat, kieku kien ighidha.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti ser tikkunsidra jekk ghandiex tilqa' jew tichad it-tieni talba tar-rikorrent, li biha qed jitlob il-kundanna tas-sekwestranta GET Global Environmental Technologies GmbH sabiex thallas penali lir-rikorrent ai termini tal-artiklu 836(8) tal-Kap 12 a favur tieghu, proprju ghaliex, isostni illi l-Mandat kawtelatorju, anke jekk mnehhi, sar b'malizzja, huwa frivolu jew vessatorju.

Fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[1], il-Qorti diversament preseduta, dwar il-penali, qalet:

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*
>
> *Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*

Il-liġi, fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, issemmi erba' ċirkostanzi biss li minħabba fihom wieħed jista' jeħel penali għal ħruġ ħażin ta' mandat. Skont il-ġurisprudenza dawn <u>l-erba' raġunijiet huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa.</u>[2]

Fil-każ in ezami, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma ssodisfax ir-rekwizit tas-sub-inciz (d), ossia illi l-Mandat sar b'malizzja u huwa fivolu u vessatorju. L-abbli difensur tar-rikorrent jaghmel referenza ghat-*time-line* ta' kif sehhew l-affarijiet u jsostni illi l-mod kif graw l-affarijiet anke kkawzaw dannu lir-rikorrent.

Il-Qorti, filwaqt illi ma hix sodisfatta li l-provi mressqa ghandhom iwassluha biex timponi penali, b'dana kollu zzomm impregudikat kwalsiasi azzjoni ohra illi tista' tispetta lir-rikorrenti jekk sofra xi dannu, u dan proprju peress illi hawnekk si tratta biss ta' decizjoni dwar jekk ghandiex tigi imposta penali o meno.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament presedut, irid jinghad f'atti konessi ma' din il-vertenza, fejn intqal hekk:

> *Il-Qorti qieset illi fir-rigward tas-sub-inċiż (d) ma tressqu ebda provi jew argumenti tajbin biżżejjed f'dawn il-proċeduri biex juru li l-Mandat ħareġ vessatorjament, b'ħażen jew b'malizzja da parti tas-soċjetà sekwestranti. Il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-buona fede hija preżunta u li l-mala fede jrid jiġi ppruvat, u għalhekk kien imiss lis-soċjetà sekwestrata sabiex iġġib prova imqar fuq livell prima facie ……………….*

---

[1] Prim Awla tal-Qorti Civili, 10.08.2012

[2] Dr. Cedric Mifsud nomine vs Bitconvert Limited deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020; Rosie Lehner vs Ian Pace deċiż mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Awwissu, 2009

> *Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li prima facie l-mandat kontra s-soċjetà intimata għandu jiġi meqjus li kien frivolu, vessatorju jew malizzjuż b'tali mod li għandu jwassal għas-sanzjoni penali.*[3]

U taghmel taghha dan il-hsieb u konkluzjoni ghall-finijiet anke ta' dawn l-odjerni proceduri.

**GHALDAQSTANT**, ghall-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi :

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrent, u

2. Tichad it-tieni talba tar-rikorrent.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjes taghha relattivi ghal din il-procedura.

Digriet moghti kameralment, illum, 14 ta' Ottubru 2021.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

[3] Rikors Revoka 368/2021, 26.04.2021